MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Numru. 652/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**
**Renald Briffa ta' 36 sena, bin Alfred u Violet nee' Agius, imwieled il-Pieta' nhar is-06 ta' Lulju 1976 u residenti fil-fond numru 153, Flat 1, Triq San Duminku, Valletta u detentur ta' karta ta'l-identita' numru 586176(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Renald Briffa akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju 2011 ghall-habta ta' 18:45hrs gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali limiti ta' Attard:

1. ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku P.S. 1243 George Polidano kif iccertifika Dr. T. Armatys M.D. (2788) tal-Isptar Mater Dei.
2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, **Kap 9 Art.95**.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita' kompetenti. **Kap 9. Art.96.**
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom. **Kap.9. Art.91**
5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu. **Kap.9 Art. 338(ee)**.
6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. **Kap 9 Art.338(dd)**.
7. Talli xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa, jingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat. **Kap 9 Art 68**.
8. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuziv. **S.L.10.33(7)**.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-23 ta' Mejju 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jidher illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza inqala' gewwa l-istadium f' Ta' Qali waqt partita tal-futbol bejn it-tim tal-Belt u dak tal-Furjana – partita segwieta minn bosta partitarji ta' dawn it-timijiet b'akkanizmu kbir tant illi meta kienet wasslet biex tispicca l-loghba, inqalghet kommozzjoni shiha fejn kellhom jintervjenu il-membri tal-korp tal-pulizija li kienu xoghol dak in-nhar f'dana il-grawnd. Illi jidher illi f'hin minnhom bdiet tishon il-qiegha bejn il-partitarji li spiccaw sahansitra jaqilghu is-seats tal-grawnd, ikissruhom u sahansitra jitfghuhom fid-direzzjoni tan-nies. F'dina it-taqtiegha ma hemmx dubbju li kien involut l-imputat ukoll. Dana l-fatt huwa ma jistax jikkontestah ghaliex ingibed fuq il-cameras tat-televizjoni u gie jidher fir-rapportagg li sar dak in-nhar fil-ghaxija ta' dina l-loghba fl-ahbarijiet lokali. Illi dawn il-filmati gew esebieti fl-atti tal-kawza u il-Qorti ghalhekk kellha l-opportunita tarahom sew, minn fejn jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-persuna ta'l-imputat kien involut f'din it-taqtiegha bejn xi partitarji u l-pulizija fejn f'hin minnhom l-imputat jigi osservat car u tond ixejjer daqqa ta' ponn fuq wicc is-surgent 1243 George Polidano. Illi dana l-agir huwa ukoll ikkonfermat mis-surgent stess li fix-xhieda tieghu ighid illi kien l-imputat li huwa jgharaf l-awla li tah id-daqqa ta' ponn u ikkagunalu xi feriti f'wiccu. Ma jidhirx illi l-imputat, madanakollu, kien involuta fir-rissa mal-pulizija l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri u kollha sostnew illi l-imputat ma ghamel xejn fl-konfront taghhom. Illi ma jidhirx illi l-awtenticita ta' dawn il-filmati giet ikkontestata mid-difiza u kwindi il-Qorti tista' liberalment tistrieh fuqhom bhala evidenza ta dak li sehh fil-jum ta' dan l-incident fejn kien involut l-imputat.

Illi fil-ktieb tiegħu Cross, On Evidence (6th edition) huwa jagħti definizzjoni ta' dak imsejjaħ bħala real evidence:

***'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...***

***Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

Cross imbagħad jgħaddi sabiex jagħti diversi eżempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-eżempji huwa jinkludi automatic recordings u jgħid:

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

L-awtur Murphy, imbagħad fil-ktieb tiegħu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jagħti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue***

***difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. …***

***'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.***

Ikompli:

***'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.***

Fil-kawza Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

***'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence***

***and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"***

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-filmati esebieti f'dina il-kawza meta abbinati max-xhieda moghtija mis-surgent 1243 jikkostitwixxu prova cara lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reita ta'l-imputat. Illi l-imputat fix-xhieda tieghu jammetti illi xejjer id-daqqa ta' ponn fid-direzzjoni tas-surgent Polidano, izda ighid illi dan ghamlu ghax hass lil xi hadd qed jigbdu minn wara u ghalhekk irreagixxa. Illi il-Qorti qajla temmen dina l-verzjoni li jaghti l-imputat u dana ghaliex mill-filmat jidher car illi l-imputat kellu is-surgent tal-pulizija direttament quddiemu, kien qed jarah sew u xejjer id-daqqa intenzjonalment fost hafna diskors li jidher li qed ighidlu.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel zewg disposizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju huma l-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

**"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."**

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi l-artikolu 96, imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:
1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

**"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-***

***hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjal tal-pulizija involut f'dana l-incident kien qieghed jipprova izomm il-buon ordni u l-paci pubblika u ghalhekk kien qed jipprova jezegwixxi l-ligi billi jaghti dawk l-ordnijiet mehtiega sabiex jikkontrolla flimkien ma' shabu l-ohra il-pulizija folla kbira ta' nies li bdew jiggieldu wara partita futbol. L-imputat minflok jobdi l-ordnijiet tal-pulizija u jitlaq 'l hemm, jaghzel li ihebb ghall-pulizija, u jattakkah billi xejjrilu daqqa ta' ponn ghal xejn b'xejn. Fil-fatt is-surgent tal-pulizija involut sofra griehi ta' natura hafifa u dana kif iccertifika Dr. Mario Scerri fir-rapport esebiet minnu[1]. Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost ta'l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 u allura ser tinsab htija ghar-rigward tat-tielet akkuza u mhux tat-tieni. Illi l-akkuzi l-ohra li jitkellmu dwar l-offiza ta' natura hafifa u dik kontravvenzjonali ai termini ta'l-artikolu 338(ee) huma komprizi u involuti fit-tielet akkuza u ghalhekk l-Qorti ser tghaddi biex tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 meta tigi ghall-applikazzjoni tal-piena. Illi, imbaghad, ir-reat ikkontemplat fir-raba akkuza ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. L-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 91 tal-Kapitolu 9 u cioe' illi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandu x'jaqsam mal-kariga tieghu. Dana ifisser illi biex jisussisti dana ir-reat l-uffijcal pubbliku irid jigi imgieghel permezz ta'vjolenza jew ta' theddid, jaghmel jew ma jaghmilx xi haga kontra l-volonta tieghu. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat dana ma ghamlux. Ma hemmx prova illi l-imputat kellu xi intenzjoni illi igieghel lis-surgent Polidano jaghmel xi haga kontra ir-rieda tieghu. Il-vjolenza inflitta mill-imputat fil-konfront ta' dan is-surgent tal-pulizija ma gietx adoperata b'din l-intenzjoni, izda x'aktarx kienet frott tas-sahna tal-mument.

[1] Ara Dokument MS a fol.33

Ikkunsidrat,

Illi is-sitt u it-tmien akkuzi jitkellmu dwar agir li minn natura tieghu iwassal ghal ksur ta'l-ordni pubblika. Illi ir-regolament 7 tal-L.S 10.33 ighid:

**Kull persuna, li filwaqt li tkun diehla fi ground ta' l-isports, filwaqt li tkun qieghda hemmhekk jew tkun hierga minn hemm tuza kliem offensiv jew iggib ruhha abbuzivament tkun hatja ta' reat kontra dawn ir-Regolamenti.**

L-agir ta'l-imputat ma hemmx dubbju kien wiehed abbuziv fil-konfront ta' membru tal-korp tal-pulizija li kien qieghed jaghmel xogholu ghaz-zamma tal-buon ordni. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi anke dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Ikkunsidrat,

Illi finalment l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 68(1) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi.

**Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati, għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.**

Illi ghalhekk irid ikun hemm zewg elementi li flimkien iwasslu ghal kummissjoni ta' dana ir-reat u cioe' sehem attiv fil-migemgha  ta' ghaxra minn nies jew aktar u l-intenzjoni taghhom li jinghaqdu sabiex jikkomettu reat. Il-Professur Mamo ighid:

**"*For a conviction of this crime, it is essential that the defendant should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the*

***gathering is of  ten or more persons and its purpose is the commission of an offence*."**

Illi il-Qorti tistqarr illi ma tistax issib htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi l-migemgha ta' nies li kien hemm fil-jum indikat l-akkuza kienet hekk ingabbret ghax giet imxewxa taghmel dan mill-imputat kif lanqas ma hemm il-prova illi din il-gemgha ta' nies kellha l-ghan li jigi kommess xi reat. L-imputat ighid fix-xhieda tieghu illi fil-jum ta'l-incident huwa kien wahdu u spicca maqbud fi glieda fejn kien hemm konfuzjoni shiha ta' nies maqbudin f'xulxin, nies fis-sakra, nies ikissru s-siggijiet, siggijiet jigu mwaddba gewwa il-grawnd fost ohrajn. Dana jikkonfermawh l-ufficjali tal-pulizija kollha li xehdu f'dina l-kawza minn fejn johrog car illi kien hemm diversi nies involuti fil-kollutazzjoni u mhux biss l-imputat li refa' idejh biss fuq is-surgent Polidano. Kwindi ma jirrizulta bl-ebda mod illi kien  l-imputat li qajjem dina l-glieda b'xi tixwix minn naha tieghu, izda jidher illi involva ruhu f'dina is-sitwazzjoni meta it-taqtiegha kienet diga inbdiet. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi ufficjal tal-pulizija spicca imwegga' f'dan l-incident waqt li kien qed jaqdi dmirijietu. Illi l-imputat jidher illi ghandu delizju tal-futbol liema delizju nibet fih minn mindu kien ghadu tifel zghir. X'aktarx illi l-akkanizmu sfrenat ghat-tim favorit tieghu wassal sabiex huwa tilef kull sens ta' raguni. Il-Qorti ghalhekk, ghalkemm hija tal-fehma illi piena karecerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana il-kaz, ser tara illi l-imputat jiehu il-punizjoni li l-iktar iggiehlu jirrealizza illi dak illi ghamel kien zbaljat.

Ghladqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 221, 338(ee)(dd) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, ir-raba' u s-seba akkuzi migjuba il-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament, tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni

ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta dina s-sentenza.

Finalment wara li rat ir-regolament 9(2) tal-Legislazzjoni Sussidjaraja 10.33 tipprojbixxi lil hati milli jersaq lejn grawnd tal-futbol u jattendi ghal xi loghba tal-futbol ghal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------